**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Familja**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 12 ta' Lulju, 2016**

**Rikors Guramentat Numru:- 1/2013JVC**

**AA**

**Vs**

**BB**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat fejn l-attur ppremetta:-

1. ILLI z-zwieg tal-partijiet gie ccelebrat fid-disgha ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u hamsa u disghin (9.12.1995) u minn dan iz-zwieg hemm bint wahda cioe' CC illi twieldet fit-tlettax ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (13.5.1996)

2. ILLI z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment u dan minhabba nuqqasijiet gravi mputabbli lill-konvenuta li hija hatja fil-konfront tal-attur inter alia ta' adulterju u abbandun li rrendew il-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet impossibbli kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. ILLI l-attur gie awtorizzat jipprocedi ghall-separazzjoni personali minn ma' martu in forza ta' digriet ta' l-erbatax ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax hawn anness u markat bhala Dok 'A';

4. ILLI in forza ta' digriet datat ghoxrin ta' Settembru 2012, hawn anness bhala dok B, gie ordnat li l-minuri CC ghandha tghix man-nanniet materni u dan skont il-kundizzjonijiet elenkati fl-imsemmi digriet.

Talab li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment ghar-ragunijiet premessi mputabbli ghal BB u tippronunzja s-separazzjoni personali bejniethom;

2. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwsiti ezistenti bejn il-kontendenti u tassenja lil kull wahda mill-partijiet il-parti spettanti lilha mill-istess komunjoni ta' l-akkwisti u dan okkorrendo bl-opra ta' perit nominandi sabiex jillikwida l-istess komunjoni ta' l-akkwisti;

3. Tapplika kontra l-konvenuta nterament jew in parti d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 48 u 51 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Tiffissa r-retta alimentari li l-konvenuta trid thallas mensilment ghall-manteniment ta' binthom minuri Tiffany u tikkonferma li l-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri ghandha tibqa' kongunta bejn il-partijiet u mill-bqija tikkonferma d-digriet ta' l-20 ta' Settembru 2012 wara li l-Qorti tkun regghet semghet il-partijiet kollha koncernati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisidizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni skont il-Ligi.

Il-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' BB fejn eccepiet:

1. Illi l-pretensjonijiet ta' l-attur huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt;

2. Illi filwaqt illi l-esponenti taqbel illi z-zwieg ma' zewgha tkisser irrimedjabilment, l-esponenti assolutament tichad illi hija b'xi mod jew iehor hija hatja ta' adulterju u/jew ta' abbandun tad-dar matrimonjali;

3. Illi pero', u dana minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti taqbel li dina l-Onorabbli Qorti ghandha tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet f'zewg partijiet ugwali bejn il-partijiet;

4. Illi l-esponenti assolutament tichad u tirrespingi bil-qawwa kwalsiasi talba sabiex dina l-Onorabbli Qorti tapplika l-Artikoli 48 et seq fil-konfront taghha u dana stante li ma jissussistux c-cirkostanzi dettati mil-ligi sabiex dina l-Qorti tapplika tali artikoli;

5. Illi l-esponenti taqbel li l-kura u l-kustodja ta' binthom Tiffany tkun kongunta bejniethom u dana ai termini tad-digriet tal-20 ta' Settembru 2012 b'dan illi ghandhom ikunu z-zewg genituri li jikkontribwixxu retta alimentari ghal binthom minuri.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-istess attur.

Rat ix-xhieda, dokumenti u l-atti kollha.

Rat ir-rapport tal-espert Dr. Martin Bajada mqabbad mill-Qorti wara qbil bejn il-partijiet;

Rat ir-rapport tal-espert tekniku mqabbad mill-Qorti l-Perit Joe Grech fejn ivvaluta d-dar matrimonjali proprjeta' tal-partijiet;

Rat illi fil-verbal tal-11 ta' Frar, 2016 l-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jipprezentaw is-sottomissjonjiet taghhom bil-miktub;

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-kontendenti zzewgu fid-disgha (9) ta' Dicembru, 1995 u hames xhur wara f'Mejju tas-sena 1996 kellhom tifla bl-isem ta' Tiffany li llum, fid-data tad-decizjoni, hija maggorenni u ghandha wild taghha. L-attur

isostni li z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment u dan minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenuta u cioe' adulterju u abbandun. Il-konvenuta taqbel li z-zwieg tkisser irrimedjabilment izda fl-eccezzjonijiet taghha tichad li dan kien ghal ragunijiet imputabbli lilha.

**Fatti:**

Illi bosta mill-provi mressqa mill-attur jirrivolvu madwar l-allegazzjoni tal-adulterju. Min-naha tal-konvenuta ghalkemm fl-eccezzjonijiet taghha cahdet l-adulterju, fl-atti bl-ebda mod ma cahdet li fil-fatt kien hemm adulterju da parti taghha u li dan beda minn Awissu 2011 fil-mument li l-attur kien ilu msiefer l-Awstralja sa mill-bidu tas-sena 2011 sabiex skont l-atti jaqla' l-flus biex ihallas id-dar matrimonjali. Mill-provi jirrizulta li fil-bidu tas-sena 2011 l-attur tela' l-Awstralja fejn kellu anki mpjieg. Fil-verzjoni tieghu l-attur jghid li l-hsieb tieghu kien li jaghmel sena u jinzel ghalkemm xhud mressaq minnu stess Chris Debrincat a fol. 33 tal-process jixhed li l-attur kien qallu li l-hsieb kien li forsi jitilghu joqoghdu mieghu wkoll Josepha u Tiffany. Li kieku dan ma ssemmiex minn dan ix-xhud partikolari, hadd mill-partijiet ma semma' jew ammetta dan il-hsieb. Missier l-attur stess DD (fol 30) jghid li l-konvenuta kienet fethet qalbha mieghu li kienet mdejjqa bis-sitwazzjoni ghaliex l-attur kien ser ikun il-boghod izda nonostante dan l-attur siefer l-Awstralja fuq xoghol. Mill-atti ma jirrizultax li sa dan il-mument kien hemm xi problemi evidenti fiz-zwieg tal-partijiet. Il-konvenuta baqghet tghix Ghawdex flimkien ma' bintha Tiffany filwaqt li baqghet tahdem ma' l-kumpanija ta' Magro u kienet tithallas il-paga minima. Jirrizulta li qabel ma telaq lejn l-Awstralja l-attur iddepozita f'kont kongunt bejn il-partijiet is-somma ta' madwar €2000 sabiex din tkopri l-pagamenti mensili tal-'loan' li l-partijiet ghandhom fuq id-dar matrimonjali. Apparti din is-somma mill-atti jidher li l-konvenuta thalliet tghix hi u bintha abbazi tal-paga taghha.

F'Awissu 2011 il-konvenuta ltaqghet ma' EE u bdiet relazzjoni anki intima mieghu. Dan bl-ebda mod ma gie michud kemm mill-istess EE (fol. 63) u lanqas mill-konvenuta fl-atti (ghajr ghall-eccezzjoni taghha fil-bidu tal-kawza). Ma jidhirx li l-konvenuta kienet qed taghmel wisq biex tghatti din ir-relazzjoni tant li tressqu bosta xhieda li jghidu li rawha ma' EE fil-festa tax-Xaghra f'Settembru, 2011 anki taqbez fuqu fil-marc ghalkemm sakemm ma gietx mistoqsija direttament mill-attur hija ma

nfurmatx lill-attur b'dan kollu. L-istess bint il-partijiet Tiffany (fol. 324 A) tikkonferma li ommha ammettiet maghha r-relazzjoni izda tghid li l-konvenuta nsistiet maghha li ma tghidx lil missierha ghaliex kollox kien ser jitranga.

Minn kliem il-bint Tiffany jirrizulta li f'Awwissu wkoll kienu gia bdew l-arrangament sabiex tinxtara karozza Toyota Vitz ghall-konvenuta stante li l-karozza li kellhom il-partijiet ma kinitx ghadha tajba. Saru arrangamenti bejn il-partijiet u Anthony Attard (li biegh il-vettura lill-partijiet u li mieghu jahdem l-attur fil-gzejjer Maltin) sabiex din il-vettura tithallas qabel Dicembru, 2011 izda stante li kienu saru arrangamenti sabiex il-konvenuta u bintha jitilghu fejn l-attur ghal seba' gimghat f'Dicembru, 2011 din ingabret immedjatament meta l-konvenuta u bintha gew lura mill-Awstralja lejn l-ahhar ta' Frar, 2012. Il-flus sabiex intrat il-vettura ntbaghtu mill-attur mill-Awstralja. Tul iz-zmien li l-partijiet kienu flimkien l-Awstralja ma ssemma' xejn dwar ir-relazzjoni li l-konvenuta kellha u kien biss wara li din nizlet lura li l-attur beda jissuspetta xi haga stante li ma kienx ghadu jsib lill-konvenuta d-dar f'hinijiet fejn is-soltu fi kliemu kienet tkun ingabret. Rinfaccjata b'dan il-fatt, il-konvenuta ammettiet mill-ewwel mal-attur bir-relazzjoni li kellha. Dan kien f'Marzu, 2012. Malli ra hekk l-attur, li jsostni li kellu l-intenzjoni li jigi lura f'Gunju 2012, qabad u qata' biljett tal-ajru u jumejn wara li sar jaf b'dak li kien qed jigri lura f'Ghawdex huwa wasal Ghawdex, ghall-gharrieda, sabiex jitkellem ma' martu.

Jirrizulta mill-atti u b'mod partikolari mix-xhieda tal-istess konvenuta li ghalkemm l-attur kien qalilha li hu kien lest li jahfrilha. L-attur izda kwalifika l-mahfra tieghu billi ppretenda li l-konvenuta kellha tammetti dak li ghamlet quddiem ommha u missierha u konsegwentement ikunu jistghu ikomplu b'hajjithom. Il-konvenuta mill-ewwel kienet iddecidiet li r-relazzjoni taghhom kienet ser tispicca u kienet qalet lill-attur li ma kinitx ghadha thoss dak li kienet thoss qabel ghalih. Il-partijiet ghamlu madwar tliet gimgha jirrisjedu flimkien fid-dar matrimonjali u jiddiksutu x'ser jigri fosthom sar anki kliem dwar kif ser jaqsmu l-proprjeta' tal-komunjoni tal-akkwiti u dan sakemm fl-ahhar gimgha ta' Marzu l-konvenuta tinsisti li l-attur ta gimgha zmien sabiex titlaq mid-dar matrimonjali li izda kienet proprjeta' taz-zewg partijiet u fuqha kien ghadu qed jithallas self mal-bank. Hija ssostni li ppakkjat l-affarijiet personali taghha u nkluz id-dehebijiet taghha u telqet tghix mal-'partner' il-gdid u li baqghet mieghu sal-lum u ghandha tarbija. L-attur

jichad li huwa qal lill-konvenuta biex titlaq izda jghid li kienet decizjoni taghha li tabbanduna lil bintha u lilu. A fol. 318 tinsab esebita kopja ta' ittra li l-attur jsostni li kiteb meta l-konvenuta kienet ghadha tghix fid-dar matrimonjali u li hallihiela fuq is-sodda. Partijiet saljenti ta' din l-ittra jsostnu kif isegwi:

*'Im sorry for my whole 15 years that I hurt you and Tiffany . . . I just want to tell u that I forgave and will never go against u or blame u . .*

A fol. 320 tinsab esebita nota li l-konvenuta halliet fid-dar matrimonjali meta telqet fl-ahhar ta' Marzu u li taqra:

*'Naf li wega kbira qed thossu. Xorta nhobbkom ma nistax ninsa dak iz-zmien sabieh wkoll xorta nibqghu hbieb. Kuragg Kuragg Inhobbkom.'*

Wara li l-konvenuta telqet mid-dar matrimonjali hija zaret lil bintha f'din id-dar xi darbtejn izda jirrizulta nkontestat li konsegwentement l-attur bidel is-serratura u sahansitra ghal certu zmien l-bint ma setghetx tidhol. F'Lulju, 2011 l-attrici waqfet mix-xoghol li hija kellha ma' Magro. Jirrizulta wkoll li wara li l-konvenuta telqet mid-dar, l-attur ghal xi raguni li ma hargitx cara fl-atti mar jghix mal-genituri tal-konvenuta u li l-genituri taghha kienu haduha kontra l-konvenuta u ma bdewx ikellmuha. Fi kliem missier il-konvenuta Carmel Curmi (a fol. 300 tal-process), l-attur kien jghidlu jekk tigi l-konvenuta nitlaq jien. Fil-fatt ftit xhur wara jidher li l-genituri tal-konvenuta rrangaw id-divergenzi mal-konvenuta u kien f'dan iz-zmien li l-konvenuta semmitilhom problemi li seta kellha mal-konvenut ghaliex skont hi, hu kien mohhu biex jonfoq il-flus fil-karozzi. Fix-xhieda taghha tallega wkoll li l-attur kien mohhu fil-'computer'. Rrizulta inkontestat fl-atti li l-attur huwa dilettant tal-vetturi klassici. Malli l-genituri tal-konvenuta rrangaw id-divergenzi maghha, l-attur ma baqax jghix maghhom.

Ai termini tad-digriet datat 20 ta' Settembru 2012 il-partijiet qablu li l-minuri Tiffany tmur tirrisjedi man-nanniet materni izda l-kura u l-kustodja taghha kellha tibqa' responsabbilta' tal-partijiet. Konsegwenti ghal dan id-digriet infethet il-kawza odjerna. Jirrizulta li wara erba' xhur tirrisjedi man-nanniet materni l-bint marret tghix ma' missiera fid-dar matrimonjali. Dan fl-eta' ta' madwar sittax-il sena u ghadha tghix mieghu sal-lum fejn llum hija maggorenni u ghandha wkoll wild taghha.

Principalment jirrizulta mill-atti li l-partijiet spiccaw f'din il-kawza stante li ma qablux fuq kif kellha tinqasam il-komunjoni tal-akkwisti ghaliex fost ohrajn l-attur jinsisti li din ma ghandhiex tinqasam b'mod ugwali konsegwenza tal-adulterju u abbandun da parti tal-konvenuta u nqala wkoll disgwit fuq is-somma ta' ghoxrin Elf Ewro (€20,000) li kull parti ssostni li hadet il-parti l-ohra.

**Responsabbilta' ghat-tkissir taz-zwieg:**

Illi mill-atti l-Qorti nnutat in-nuqqas assolut ta' dettalji dwar il-hajja mizzewga bejn il-partijiet qabel is-safra tal-attur lejn l-Awstralja fil-bidu tas-sena 2011, ix-xejn assolut. La jinghad jekk il-hajja bejniethom kinitx wahda normali, x'kienu diffikultajiet jekk kien hemm, x'kienu l-mumenti sbieh, kif iltaqghu, xejn. Dan biex almenu l-Qorti tiehu idea tar-relazzjoni bejn il-partijiet qabel ittiehdet id-decizjoni, mhux zghira, li l-attur isiefer fuq xoghol f'kontinent daqstant 'il boghod u cioe' l-Awstralja u jhalli lil martu u lil bintu warajh ghall-perjodu tant twil.

Il-Qorti izda nnotat li la darba l-kovenuta, mill-karta tal-identita' taghha jidher li twieldet fis-sena 1979 u l-partijiet izzewgu f'Dicembru tas-sena 1995 allura jirrizulta li l-konvenuta zzewget tal-eta' ta' sittax-il sena. Apparti minn hekk in vista li t-tifla tal-partijiet twieldet fit-13 ta' Mejju, 1996 dan neccessarjament ifisser li l-konvenuta kienet gia tqila dak in-nhar li zzewget. Dan jindika lill-Qorti li l-konvenuta dahlet ghaz-zwieg fl-eta' zghira ta' sittax-il sena meta kienet f'sitwazzjoni ta' gravidanza. Il-Qorti mill-atti ma ghandhiex evidenza kemm kellu zmien l-attur li mill-karta tal-identita' tieghu jidher li ottjena l-karta tal-identita' maltija mhux mat-twelid stante li mwieled l-Awstralja (ara affidait a fol. 25). Ma jinghataw ebda dettalji dwar kemm il-partijiet kien ilhom flimkien qabel iz-zwieg.

Mill-atti l-Qorti rat ukoll li l-probabbilita' hi li l-attur ghandu karattru ta' dominanza u dak li kien jghid hu kien isehh fid-dar matrimonjali. Dan johrog minn provi fosthom il-fatt li hu stess jammetti li meta huwa gie lura mill-Awstralja u kien lest li jahfer lil martu, huwa izda ppretenda li qabel tinghata l-mahfra l-konvenuta tammetti dak li ghamlet quddiem il-genituri taghha u wara jkunu jistghu ikomplu b'hajjithom, dejjem skont il-attur. Ezempju iehor huwa dak li hareg minghand missier il-konvenuta (fol. 300) li meta gara l-kaz, l-attur kien mar jghix mal-

genituri tal-konvenuta u ppretenda li dawn ma jkellmuhiex u li jekk hija tmur lura allura jitlaq l-attur. Hareg car li ghall-ewwel ftit xhur tas-separazzjoni l-attur dawwar lill-genituri tal-konvenuta kontra taghha. Dan kollu l-Qorti qed tghidu sabiex tasal ghal dik li kienet il-hajja tal-partijiet waqt iz-zwieg.

Ghalkemm kif inghad il-partijiet ma jaghtux wisq dettalji, il-konvenuta fl-atti tilmenta li l-problema li hi kienet tara fiz-zwieg kien li l-attur kien dejjem mohhu fil-'computer' u li l-flus kien jonfoqhom fuq il-karozzi. Dan fl-ebda hin ma gie kontradett mill-attur. Mill-kontijiet bankarji tal-partijiet jirrizulta li l-mezzi tal-partijiet ma kienux xi mezzi straordinarji (anki in vista tal-paga li kellu l-attur fol. 23 u d-dikjarazzjoni tal-konvenuta li kellha paga minima) u jirrizulta mid-dokumenti esebiti li dak li kien jidhol il-bank kien imur fuq is-self tad-dar matrimonjali. Iz-zewg partijiet kienu jahdmu mpjiegi li ma kienux irendu wisq flus izda baqghu jaghmlu dan saz-zmien li z-zwieg tkisser b'eskluzjoni taz-zmien li l-attur ghamel jghix l-Awstralja. Ghal dik li kienet hajja waqt iz-zwieg qabel is-sena 2011 a fol. 318 tal-process l-attur stess ipprezenta ittra miktuba minna fejn minghajr ezitazzjoni jikteb 'I'm sorry for my whole 15 years that I hurt you and Tiffany.' Minn dan johrog li mhux neccessarjament il-hajja bejn il-partijiet kienet ward u zahar qabel id-decizjoni li l-attur isiefer fuq xoghol lejn l-Awstralja.

Da parti tal-konvenuta ma rrizultax mill-atti kemm hi seta' kellha sehem fid-decizjoni li l-attur isiefer l-Awstralja ghal zmien twil fuq xoghol ghalkemm missier l-attur jixhed li (fol. 30) hija ma kinitx kuntenta li ser ikun il-boghod. Hi x'inhi, din id-decizjoni wasslet sabiex wara li l-konvenuta tista' tghid mid-dar tal-genituri bhala tifla zghira, izzewget tal-eta' ta' sittax-il sena u saret mill-ewwel omm u ghamlet hmistax-il sena tghix mal-attur, din spiccat waheda ma' bintha filwaqt li r-ragel taghha mar l-Awstralja. Hija thalliet tghix hawn flimkien ma' bintha fuq il-paga minima taghha li kellha mal-kumpanija ta' Magro filwaqt li l-attur provda biss flus sabiex tithallas il-'loan' kull xahar. M'hemmx dubju mill-atti li d-decizjoni li l-attur isiefer l-Awstralja, skond hu bl-ghan li jaqla' bizzejjed flus biex jinqata' s-self tad-dar, din kienet il-bidu tat-tmiem taz-zwieg bejn il-partijiet.

Jirrizulta li kien f'dan il-mument li l-attur telaq minn Malta li l-konvenuta ghall-ewwel darba f'hajjitha sabet ruhha waheda flimkien ma' bintha. Il-probabbilta' hi li l-konvenuta qatt f'hajjitha ma kellha l-

liberta' li sabet ruhha fiha dak iz-zmien. Mhux kontestat li dan kollu wassal sabiex f'Awwissu, 2011 il-konvenuta waqghet ghat-tentazzjoni u bdiet relazzjoni ma' terza persuna. Kienet x'kienet is-sitwazzjoni matrimonjali taghha, l-agir tal-konvenuta jikkonsisti f'adulterju izda m'hemmx dubju li l-fatt li l-konvenuta zzewget zghira, saret omm ta' eta' zghira filwaqt li jidher li l-hajja matrimonjali kienet dominata minn dak li jghid u jiddeciedi l-attur, ghen mhux ftit sabiex il-konvenuta taghmel dak li ghamlet f'Awwissu, 2011. Il-konvenuta kienet waslet f'punt li tant ma kinitx kuntenta fil-hajja mizzewga taghha li r-relazzjoni li kellha mat-terz sart wahda serja u sal-lum ghadha ma dan it-terz u ghandha tarbija minnu. Il-hajja mizzewga bejn il-partijiet ukoll kienet waslet f'punt tant li l-konvenuta ammettiet mill-ewwel l-adulterju meta rinfaccjata u ghalkemm l-attur qalilha, bil-mod tieghu, li kien lest li jahfrilha, hija ma kellha l-ebda dubju li d-decizjoni taghha x'kellha tkun ghaliex ma kinitx ghadha thoss dak li kienet thoss ghall-attur fl-eta' ta' sittax-il sena meta zzewgitu.

Illi apparti l-adulterju, l-attur isostni wkoll li l-konvenuta hija hatja ta' abbandun tad-dar matrimonjali. Dwar din il-kwistjoni huwa jsostni li hija qabdet u telqet minghajr hadd ma qalilha titlaq filwaqt li l-konvenuta ssostni li kien l-attur li ta gimgha zmien sabiex tippakkja u titlaq. Il-Qorti meta tikkunsidra li sahansitra l-attur, f'dan iz-zmien, mar jghix mal-genituri tal-konvenuta sabiex jassigura li dawn ma jkellmuhiex u hedded li jekk tirritorna hi jitlaq hu, allura huwa aktar verosimili dak li qed tghid il-konvenuta  u cioe' li hija giet mgieghla titlaq mid-dar matrimonjali. Ghalhekk il-Qorti ma tqisx li gie ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi li l-konvenuta abbandunat <u>minn jeddha</u> d-dar matrimonjali.

In vista ta' dak suespost, il-Qorti tqis li ma hemmx dubju li r-raguni principali u ahharija ghat-tkissir taz-zwieg kien l-adulterju da parti tal-konvenuta liema adulterju izda ma ghandux jittiehed wahdu daqs li kieku l-hajja bejn il-partijiet kienet ward u zahar ghaliex l-attur stess jammetti li fi hmistax-il sena zwieg huwa wegga' diversi drabi lill-konvenuta u l-binthom. Il-Qorti tqis ukoll li kien hemm cirkustanzi fil-hajja tal-partijiet, fosthom iz-zwieg ta' eta' zghira da parti tal-konvenuta, it-tqala qabel iz-zwieg u t-twelid tat-tifla, il-karattru dominanti tal-attur u d-decizjoni li l-attur isiefer fit-tul l-Awstralja fuq xoghol, kollha kienu elementi li wasslu sabiex finalment iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment.

Il-Qorti ghalhekk, in vista tas-suespost u mill-assjem kollu tal-provi fl-atti, tqis li li z-zwieg tkisser bejn il-partijiet ghal ragunijiet imputabbli lit-tnejn ghalkemm finalment il-mizien tat-tort ixeqleb aktar lejn il-konvenuta in vista tal-adulterju da parti taghha.

**Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti:**

Konsistenza tal-assi:

1) L-ass principali fil-komunjoni tal-akkwisti hija d-dar matrimonjali li ggib l-indirizz Flat 4, Block B, Ramla Court, Triq ta' Gajdoru, Xaghra, Ghawdex u l-garaxx li jnsab fl-istess blokka. Din il-proprjeta' giet ivvalutata mill-Perit Joseph Grech imqabbad mill-Qorti ghall-valur ta' €160,000 l-appartament u €12,000 il-garaxx (relazzjoni a fol. 384). Il-partijiet a fol. 404 tal-process qablu ma' dawn il-valutazzjonijiet. Fuq dan l-ass izda ghad baqa pendenti dejn mal-Bank HSBC ta' madwar €31,190.57 kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti mir-rapprezentant tal-istess bank fl-atti fosthom a fol. 134 et seq in partikolari statement a fol. 150. Jirrizulta li din il-proprjeta' mihijiex divizibbli u ghalhekk f'kaz li din ma titax tigi assenjata trid bilfors tinbiegh.

Dwar din il-proprjeta' l-attur isostni li huwa ghandu jigi rimborsat tal-perjodu ta' madwar sentejn li huwa ghamel ihallas is-self wahdu. Mhux kontestat mill-konvenuta li dawn il-pagamenti baqghu jithallsu mill-attur izda hija ssostni li ghandu jpatti ghal dan il-fatt li filwaqt li l-attur baqa' jghix fid-dar matrimonjali u jgawdi l-istess, hija kellha ssib akkomodazzjoni alternattiva a spejjez taghha. Il-Qorti, filwaqt li tirrileva li fi kwalunkwe kaz ghalkemm separati *de facto* l-partijiet sal-lum kien ghadhom mizzewgin u l-komunjoni tal-akkwisti kien ghadha allura vigenti bejniethom, taqbel ma' dak li tissottometti l-konvenuta u cioe' li l-fatt li l-attur baqa' jghix fid-dar matrimonjali filwaqt li hija kellha ssib akkommodazzjoni alternattiva a spejjez taghha ghandu jpatti ghall-pagamenti li saru mill-attur fuq is-self. Il-Qorti tinnota wkoll li l-konsistenza ta' dawn il-pagamenti kienu ferm zghar fl-ammont ta' €142.59 fix-xahar, b'dana li jmorru ferm 'il boghod mis-somma li persuna jkollha thallas sabiex tikri post alternattiv kull xahar.

Dwar il-mobbli ta' gewwa d-dar il-partijiet ma semmew xejn u ma tressqu l-ebda provi dwarhom.

**Assikurazzjonijiet fuq il-hajja:**

La darba hemm 'self' hemm ukoll assigurazzjonijiet fuq il-hajja li jsejjhu jew liz-zewg partijiet jew parti minnhom kif esebiti mix-xhud Mario Galea a fol. 58. Dawn ikunu jistghu jigu msarrfa, jekk ghandhom xi valur oltre s-'self' wara li jithallas id-dejn li hemm mal-banek.

**Is-somma ta' ghoxrin Elf Euro (€20,000):**

Huwa nkontestat bejn il-partijiet li fiz-zmien li AA kien l-Awstralja gew trasferiti fil-bank HSBC fil-kont kongunt tal-partijiet is-somma ta' €20,000. Dawn thallew il-bank sakemm gurnata minnhom li l-konvenuta tghid li kien is-Sibt, hija marret il-Bank gibdet il-flus u refghet dawn il-flus f'post fejn skont hi s-soltu kienu jzommu flus, ippakkjati fil-friza. L-attur isostni li dawn il-flus hadithom maghha l-konvenuta meta telqet mid-dar matrimonjli fl-ahhar ta' Marzu, 2012 u ghalhekk ghandha tirrifondi nofshom lura. L-attur jipprova jaghti x'jifhem fil-gabra ta' provi dwar dawn il-flus li l-konvenuta ntenzjonalment gibdet il-flus bejn il-jum li hija ammettiet ma' l-attur li kellha relazzjoni u l-jumejn ta' wara meta l-attur gie lura Malta ghall-gharrieda u qisu jrid jaghti x'jifhem lill-Qorti li din gibdithom apposta biex tibqa' sejra bihom. Il-konvenuta tghid li dan mhux minnu, issostni li kien fuq struzzjonijiet tal-attur li marret tigbed il-flus ghaliex xi hadd qallu li l-HSBC kien ser ifalli u hija hekk ghamlet. Tghid li ghamlithom fil-friza u hemm kienu ghadhom meta telqet. Tixhed ukoll li f'gurnata minnhom meta l-partijiet kienu fid-dar matrimonjali jiddiskutu dwar kif ser jaqsmu, kien l-attur stess li qasam dawn il-flus f'zewg pakketti ta' ghaxart elef Euro (€10,000)-il wiehed izda mbaghad id-diskussjonijiet waqfu u l-flus regghu marru lura ppakkjati fil-friza. Mistoqsija jekk giex f'mohhha li tiehu n-nofs taghha qabel telqet il-konvenuta tirrispondi li huma gia kienu ftehmu li ser jinqasmu allura fdat li hekk ser isir u ma hadet xejn maghha.

Illi f'din l-istorja kollha huwa minnu li tqum kwistjoni ta' kredibbilita' tal-attur jew tal-konvenuta ghaliex jaghtu verzjonijiet kompletament opposti dwar minn zamm il-flus, wiehed iwahhal fl-iehor. Il-Qorti qieset izda li l-verxjoni tal-attur li l-konvenuta gibdet il-flus b'intenzjoni li tohodhom hi kienet tkun wahda kredibbli li kieku ma kienx l-istess

attur fil-kontro-ezami tieghu a fol. 324 O li kkonferma li meta gie lura huwa kien jaf u fuq domanda tal-Qorti kkonferma li ra li l-flus kienu ppakkjati merfughin fil-friza. Allura li huwa cert li dawn l-ghoxrin Elf Euro (€20,000) wara li l-konvenuta gibdithom ma baqghetx sejra bihom izda ghamilthom fejn jaghmluhom is-soltu fil-friza fid-dar matrimonjali. Dan huwa l-ahhar post cert fejn kienu jinsabu l-flus qabel ma l-konvenuta telqet mid-dar. L-attur isostni li hadithom il-konvenuta izda l-konvenuta tichad. Il-Qorti rat li wara l-kwistjoni tal-ghoxrin Elf Euro (€20,000) u wara li l-konvenuta telqet mid-dar, din insistiet mal-attur sabiex jghaddilha s-somma ta' elfejn Euro (€2,000) li kienu taghha mill-bank. Din ukoll tohrog mill-kontro-ezami tieghu a fol. 324 et seq. L-istess bint il-partijiet Tiffany xehdet fuq din il-kwisjtoni tas-somma ta' elfejn Euro (€2,000) u hemm qbil li finalment l-attur ghaddihom lill-konvenuta f'kontanti tramite l-bint. Il-bint li xehedet a fol. 324 A et seq mistoqsija specifikatament jekk kienx hemm xi kwistjoni ohra fuq flus bejn il-genituri l-ohra tghid li ma taf b'xejn aktar ghajr ghall-istorja tal-elfejn Euro (€2,000) t'ommha. Il-Qorti tqis li dan kollu jdajjef hafna l-versjoni tal-attur li l-ghoxrin Elf Euro (€20,000) kienet precedentement ghall-kwistjoni tal-elfejn Euro (€2,000) hadithom il-konvenuta ghax ma jaghmel l-ebda sens li l-konvenuta, skont l-attur, hadet l-ghoxrin Elf (€20,000) u xorta wahda l-attur jaqbad u jghaddilha, wara, l-elfejn Euro (€2,000) l-ohra li talbitu. Il-logika tghidlek li kieku l-verzjoni tal-attur hija dik korretta allura l-attur kien jinsisti mal-konvenuta li taghti lura l-flus li hadet hi u mhux itiha aktar. In oltre, stante l-mod attiv li l-bint kienet involuta bejniethom waqt is-separazzjoni, l-Qorti ssibha difficli li temmen li t-tifla ma saret taf xejn dwar il-kwistjoni tal-ghoxrin Elf Euro (€20,000) li allegatament nqalghet u li l-attur kien qed iwahhal fil-konvenuta li hadithom.

Il-Qorti tqis li dak suespost huwa bizzejjed sabiex il-bilanc tal-verita' jaqleb fuq dak li qed issostni l-konvenuta u cioe' li hija halliet il-flus fid-dar matrimonjali u dan anki ghaliex il-konvenuta, fejn kienet fil-hazin, ammettiet mill-ewwel quddiem il-Qorti, bhal per ezempju fuq il-kwistjoni tal-adulterju. Wara li telqet il-konvenuta sehhew ukoll fatti li jevidenzjaw li l-atturi nefaq flus, li ma kellux fil-banek kif jirrizulta mid-dokumenti, fuq affarijiet li jiswew il-flus fosthom vettura li nxtrat f'Settembru, 2013 u li tidher f'ritratt a fol. 350 tal-process. Ghalkemm huwa minnu li din probabbli ma kinitx tiswa s-somma ta' €20,000 kollha izda certu valur ghandha zgur. L-attur isostni li din il-vettura xtraha missieru u mhux hu izda l-Qorti tiddikjara bla ezitazzjoni li ma

temmnux. Bintu stess li kienet tghix mieghu ikkonfermat fuq il-media socjali (ara fol. 350) bla ezitazzjoni li l-vettura hija ta' missierha u mhux tan-nannu. Hadd ma deher jezita fil-kummenti li l-vettura hija tal-attur li anki jidher fir-ritratt. Il-fatt inkontestat li l-attur huwa dilettant tal-vetturi wkoll igiddeb il-verzjoni tal-attur li l-vettura mihijiex tieghu izda ta' missieru. Il-konvenuta wkoll ikkonfermat fix-xhieda taghha li rat lill-attur ghaddej f'din il-vettura. Il-Qorti tqis ghalhekk li l-attur kien qed jigdeb sfaccatament meta ddikjara quddiem din il-Qorti li l-vettura mihiex tieghu (ghalkemm verament din inkitbet fuq missieru ghar-raguni ovvja li l-attur prova jevita li din tidhol fil-procedura tas-separazzjoni). Il-Qorti tqis li l-fatt li l-attur ma qalx il-verita' dwar din il-vettura jimmilita kontra l-kredibilita' tieghu anki dwar il-kwistjoni tas-somma tal-ghoxrin Elf Euro (€20,000). Dan kollu minghajr mal-Qorti tat ebda piz lill-messagg fuq il-mobile tal-konvenuta mibghut mill-istess attur (u konfermat bhala genwin mill-espert Dr. Martin Bajada – fol. 341) fejn l-istess attur assigura lill-konvenuta li s-somma ta' ghoxrin Elf Euro (€20,000) kienet ghandu.

Il-Qorti f'dan l-istadju taghmel ukoll referenza ghall-kummenti u pretensjonijiet tal-attur fl-atti li talli martu telghet l-Awstralja seba' gimghat flimkien ma' bintha u hu ma kienx qed jahdem biex joqghod idawwarhom huwa tilef ghexieren ta' eluf kbar ta' Euro f'paga – allura *a contrario senso* meta kien xoghol l-attur kien qed jaqla l-ghexieren tal-eluf, izda fl-atti ma jirrizulta minn imkien x'sar minn dawn l-ghexieren ta' flus kollha li huwa suppost qala kemm dam l-Awstralja.

Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li fir-rigward ta' din is-somma ta' ghoxrin Elf Euro (€20,000) jirrizulta li din baqghet f'idejn l-attur u mhux ittiehdet mill-konvenuta.

**Flus parafernali ta' AA:**

Illi mhux kontestat li f'xi mument l-attur wiret is-somma ta' erbatax il-elf (14,000) dollari Awstraljani (Dokument SA 10 a fol. 106 et seq tal-process) u li parti minnhom gew maqbluba f'ewro u migbuda mill-istess konvenuta BB stess ai termini tad-dokumenti esebiti a fol. 290 JCA 5 tal-process. Dan johrog mix-xhieda ta' Joseph Caruana a fol. 286 tal-process u mid-dokument msemmija. Skont l-istess dokumenti l-konvenuta gibdet is-somma ta' madwar disat' elef u tmienja u tletin Euro (€9,038) fi tliet darbiet u dan fuq perjodu bejn it-28 ta' Settembru, 2011 u l-11 ta'

Ottubru, 2011. L-attur isostni li dawn il-flus intuzaw sabiex inxtrat il-vettura Toyota Vitz ntestata lill-konvenuta fil-mument li l-attur kien imsiefer l-Awstralja.

Dwar dawn il-flus il-konvenuta fis-sottomissjonijiet taghha ssostni kif isegwi:

*'Huwa minnu li l-attur, mid-dokumenti prodotti jidher li huwa wiret ammont ta' flus. Huwa minnu ukoll illi ammont ta' dollari nqalbu f'Euro. Pero' t-talba li qed jaghmel AA issa hija wahda li assolutament ma tistax tintlaqa' u dana ghal zewg ragunijiet:*

*(i) L-attur qed jippretendi hlas lura ta' flus fuq xiri ta' vettura li qatt ma ngieb il-prezz taghha. Anke li kieku, dato ma non concesso, wiehed kellu jaccetta l-argument li parti minn flus parafernali ntuzaw ghax-xiri tal-vettura, allura l-ammont li jrid jithallas ghandu jkun nofs l-ammont tal-hlas li sar ghall-vettura u mhux nofs l-ammont li wiret AA;*

*(ii) Ma ngabet ebda prova kwalsiasi illi l-flus li ntuzaw ghax-xiri tal-vettura kienu effettivament il-flus jew ahjar parti mill-flus li wiret l-istess attur.*

*Ghalhekk anke din il-pretensjoni tirrizulta assolutament fiergha u minghajr ebda bazi li tista' tissostanzjaha.'*

Il-Qorti in vista tal-atti ma tistax ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tal-konvenuta u cioe' li ma hemm xejn li jevidenzja li verament dawn il-flus tal-wirt kienu appuntu dawk il-flus li biha thallset il-vettura Toyota Vitz li wkoll ma tressqet l-ebda prova dwar il-valur taghha jew il-prezz li nxtrat. Anki jekk wiehed kellu jargumenta li dawn kienu flus li ntbaghtu fil-kont mill-istess attur filwaqt li kien fl-Awstralja, ma hemm xejn x'jevidenzja li dawn kienu flus derivanti mill-impjieg tieghu jew il-flus tal-wirt. Ghalhekk il-konvenuta facilment setghet kienet qed tigbed flus derivanti mill-impjieg tal-attur u mhux mill-wirt. Il-fatt li dawn ingibdu fuq tliet darbiet ukoll ma jitfax wisq dawl dwar fuq x'hiex dawn setghu ntefqu fejn facilment setghu marru fuq bzonnijiet ohra taghha u ta' bintha u mhux il-vettura in kwisjtoni.

In vista ta' dawn id-dubji kollha, il-Qorti ghalhekk tqis li l-pretensjoni tal-flus parafernali tal-attur fuq il-vettura Toyota Vitz ma gietx pruvata. Il-vettura Toyota Vitz intestata f'isem il-konvenuta ghandha titqies bhala

formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet. Apparti din il-vettura rrizulta mill-atti li l-attur ghandu tlett vetturi ohra li jsejhu lilu ghalkemm ma tressqitx prova sabiex teskludi li dawn jiffurmaw jew le parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

**Sanzjonijiet**

L-attur jinsisti li ghandhom jigu applikati fil-konfront tal-konvenuta s-sanzjonijiet kollha jew parti kontemplati fl-artikoli 48 u 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta in vista tat-tort taghha fit-tkissir taz-zwieg. Dawn l-artikoli izda jhallu din id-decizjoni fid-diskrezzjoni kompleta tal-Qorti filwaqt li l-artikolu 48 jaghmel referenza ghal dawk l-assi li dahlu fil-komunjoni tal-akkwisti wara d-data li sehhet ic-cirkostanzi tal-firda u mhux qabel u li jkunu dawk l-assi li principalment hadem ghalihom parti u mhux ohra:

'(*c*) kull jedd ta' parti miz-zwieg ghan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-qorti bhala d-data meta l-parti ghandha tkun kunsidrata li minnha tkun hatja tal-firda. Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jigi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-hidma ta' wahda mill-partijiet fiz-zwieg, ghandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewg partijiet skont l-artikolu 3;'

Mill-atti rrizulta li l-ass principali tal-partijiet huwa d-dar matrimonjali li rrizulta li kien jithallas permezz ta' pagamenti mensili lill-Bank ghall-ammont ta' mija u tnejn u erbghin Euro u disgha u hamsin centezmu (€142.59). Jirrizulta nkontestat li z-zewg partijiet kienu jahdmu tul il-perjodu kollu taz-zwieg u ghalhekk ma tressqet l-ebda prova li xi hadd mill-partijiet ikkontribwixxa anqas jew aktar ghall-hlas tal-istess immobbli. Apparti minn hekk, salv ghal ftit hlasijiet mis-separazzjoni de facto sal-lum, dawn kollha saru meta l-partijiet kienu ghadhom mizzewgin u ma kienx ghadu sehh l-adulterju da parti tal-konvenuta. Il-Qorti ghalhekk tqis li ma ghandhiex tapplika s-sanzjonijiet kif mitluba mill-attur u cioe' li l-komunjoni tal-akkwisti ma tigix maqsuma f'porzjonijiet ugwali. Tqis izda li ghandha tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet is-sanzjoni mposta fl-artikolu 48 (1) ghal dak li huwa successjoni tal-partijiet u d-dritt ghall-porzjon riservat.

**Manteniment ghall-minuri:**

Illi hemm qbil bejn il-partijiet li pendenti l-proceduri ma kien hemm l-ebda manteniment iffissat mill-Qorti ghal dik li kienet il-minuri binthom, illum maggorenni. L-attur fis-sottomissjonijiet tieghu jinsisti li din il-Qorti ghandha tordna l-hlas b'lura ta' manteniment lilu ghall-minuri mill-konvenuta ghall-perjodu lil-minuri ghamlet tghix mieghu sakemm ghalqet l-eta' ta' sittax-il sena. Dan kien anki gie mitlub permezz ta' rikors datat 3 ta' April, 2013 mill-attur meta l-minuri ma baqghetx tirrisjedi man-nanniet materni wara erba' xhur mid-digriet fl-atti tal-medjazzjoni li l-minuri kellha tghix maghhom. F'dak il-mument il-konvenuta ma kinitx oggezzjonat li l-partijiet jikkontribwixxu ghall-minuri nofs bin-nofs. Nonostante dan din il-Qorti diversament preseduta dak iz-zmien ma hassitx il-bzonn li tiddekreta dak ir-rikors fic-cirkustanzi. Wara dak ir-rikors, fl-atti l-attur ma regax talab li jigi ffissat manteniment ghall-minuri. Min-naha l-ohra fl-atti rrizulta li minn Lulju 2012 il-konvenuta ma baqghetx tahdem. Il-Qorti ghalhekk hija rinfaccjata b'sitwazzjoni fejn filwaqt li l-attur kien jahdem, il-konvenuta ma kintix tahdem u wkoll kellha tohrog mid-dar matrimonjali filwaqt li l-attur baqa jghix hemm mal-minuri. Apparti minn hekk, ma tressqet l-ebda tracca ta' prova dwar il-bzonnijiet u spejjez tal-minuri tul iz-zmien bejn April 2013 sakemm il-minuri ghalqet tmintax-il sena. Il-Qorti ghalhekk tqis li fin-nuqqas ta' digriet provizzorju li jimponi hlas ta' manteniment mill-konvenuta ghall-minuri u fin-nuqqas ta' provi dwar xi spejjez seta' kellha l-minuri u aktar u aktar jekk din kinitx tahdem kif ukoll il-fatt li l-omm ma kinitx tahdem, hija ma tistax tqis li tali talba giet debitament sostnuta bi provi skond il-ligi u ser tichad l-istess.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant din il-Qorti, ghar-ragunijiet kollha suesposti, taqta' u tiddeciedi din il-kawza u tiddisponi mit-talbiet tal-attur u l-eccezzjonijiet tal-konvenuta kif isegwi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment ghal ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet, b'dana izda li l-konvenuta ghandha tort akbar konsegwenza tal-adulterju ammess minnha;

2. Konsegwentement tghaddi sabiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti;

3. Tichad it-talba sabiex jigu applikati interament fil-konfront tal-konvenuta d-disposizzjonijiet u s-sanzjonijiet elenkati fl-artikoli 48 u 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li ghandu japplika biss l-artikolu 48 sub-artikolu (1) fil-konfront taz-zewg partijiet ghal dak li huma drittijiet ta' sucessjoni u porzjon riservat favur il-konjugi.

4. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwsiti ezistenti bejn il-kontendenti kif isegwi:

ii) Tordna l-bejgh bil-licitazzjoni tad-dar matrimonjali li ggib l-indirizz Flat 4, Block B, Ramla Court, Triq ta' Gajdoru, Xaghra, Ghawdex u l-garaxx li jnsab fl-istess blokka bil-valur inizjali ghandu jkun dak ta' mija u sittin elf Euro (€160,000) ghall-appartament u tnax-il elf Euro (€12,000) ghall-garaxx kif stmati fl-atti mill-Perit Joseph Grech;

iii) Mir-rikavat tal-bejgh ghandu fl-ewwel lok jithallas id-dejn kollu (sad-data tal-pagament) rimanenti dovut lill-Bank HSBC rapprezentanti self ghax-xiri tal-istess appartament u garaxx ammontanti b'mod approssimattiv ghas-somma ta' wiehed u tletin Elf, mija u disghin Euro u sebgha u hamsin centezmu (€31,190.57);

iv) L-ammont rimanenti mir-rikavat tal-bejgh b'licitazzjoni ghandu jinqasam nofs bin-nofs bejn il-partijiet, b'dana li minn nofs dovut lill-attur ghandha titnaqqas is-somma ulterjuri ta' ghaxart elef Euro (€10,000) liema somma ghandha tghaddi ghand il-konvenuta, flimkien man-nofs mir-rikavat tal-immobbli dovut lilha, rapprezentanti nofs is-somma ta' ghoxrin Elf Euro (€20,000) approprjata mill-attur u formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

v) L-assikurazzjonijiet fuq il-hajja favur il-partijiet jew wiehed minnhom u li jibqalhom valur monetarju wara l-hlas tas-self lill-Bank ghandhom jigu zbankati mill-partijiet u kull parti tigi assenjata nofs ir-rikavat;

vi) Fir-rigward ta' vetturi, stante wkoll li l-Qorti hija sprovvista mill-valur tal-vetturi kollha nvoluti u anki d-data tal-ewwel registrazzjoni tal-vetturi f'isem l-attur, il-Qorti tqis li jkun ekwu u gust u ghalhekk tordna li l-attur ghandu jzomm il-vetturi kollha registrati f'ismu fid-data

ta' din id-decizjoni fosthom Opel Ascona bin-numru ta' registrazzjoni DAV 027, Suzuki Super Carry bin-numru ta' registrazzjoni CBC 935 u Mitsubishi Colt ABD 624, filwaqt li l-konvenuta in kumpens ghandha tigi assenjata u zzomm il-vettura Toyota Vitz bin-numru ta' registrazzjoni ABW 238 li jirrizulta li hija gia registrata f'isimha.

5. Tichad ir-raba' talba tal-attur stante li jirrizulta li bint il-partijiet llum hija maggorenni.

Bl-ispejjez tal-kawza u tal-bejgh tal-immobbli ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

Magistrat Dr. Joanne Vella Cuschieri